MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2006

Numru. 45/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**V**

**ANGELO sive LINO CEFAI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANGELO sive LINO CEFAI** bin John u Mary nee Buttigieg, imwieled nhar l-hdax ta' Gunju 1957 u residenti 'The Windmill', limiti tal-Qasam, Kercem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 33757G gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-Qala, Ghawdex, fid-dsatax ta' Lulju 2000 u fix-xhur ta' qabel fi Triq Santa Marija, l-Qala, Ghawdex, fi blokk t'appartament maghruf bhala 'Santa Marija Court', b'diversi azzjonijiet maghmula minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess

disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda, qabel d-dsatax ta' Lulju 2000, b'mezzi qarrieqa u li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-dannu ta' Carmel Cuschieri, f'ammont li jeccedi l-mitt lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur.

Il-Qorti hija wkoll mitluba tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal hlas tal-ispejjes peritali f'kaz ta' htija.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Michael Mallia a fol 13 et seq tal-atti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn w ghoxrin ta' Ottubru 2004 esibit a fol 7 tal-atti markat bhala dokument CSH 1 sabiex din il-kawza, fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta a fol 8 tal-atti u cioe meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-erbgha ta' April 2006 [fol 129].

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tmienja ta' Frar 2005 **xehed Dottor Kevin Monpalao** [fol 62] fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita fl-atti a fol 20 et seq tal-atti dwar allegat serq ta' kurrent elettriku fi flat 12, St. Mary Flats, Triq Santa Marija, Qala nhar d-dsatax ta' Lulju 2000.

Minn ezami ta’ din r-relazzjoni jirrizulta li kien hemm tbaghbis fuq il-meter li huwa tal-ghamla Schlumberger Ganz registrat f’isem Carmel Cuschieri.

L-espert, fl-access ikkonstata li s-sigilli tal-meter kienu kollha ntatti ghajr s-sigill blu tan-naha ta’ fuq tax-xellug li kien nieqes. It-tarf ta’ dan s-sigill kien jidher ghadu f’postu maqlugh. Fil-*main switch* fuq, kienu jidhru hergin zewg *wires*, wiehed ta’ kulur iswed u l-iehor ta’ kulur ahmar li kienu jidhlu fil-*cubicle* ta’ flat numru hmistax. Il-flat numru hmistax ma kellux meter ghalkemm kellu *service box*. Dawn il-*wires* imsemmija kienu jidhlu fil-*main switch* ta’ dan il-flat. Il-*wires* kienu mqabbdin maz-zewg *wires* ta’ kulur parigg permezz ta’ *china connector* w imdawra bit-*tape* ta’ kulur isfar. Spjega wkoll li l-meter fil-flat numru ghaxra kien skonnettjat minn mal-*main switch* u kellu wkoll s-sigill ta’ kulur ahmar nieqes u l-provista tal-elettriku kienet qed tigi mehuda mil-meter tal-flat numru tnax.

Illi ghalhekk jirrizulta bla tlaqliq li l-appartament numru hmistax u l-*common parts* ma kellhomx dawl u kienu qed jiehdu l-provista tal-elettriku mill-meter tal-flat numru tnax proprjeta tal-inginier Carmel Cuschieri minghajr l-permess u *ad insaputa* tieghu.
Illi nhar t-tmienja ta’ Frar 2005 **xehed Carmel Cuschieri** [fol 63] fejn qal li hu ghandu flat bin-numru 12, “Santa Marija Court” Triq Santa Marija, l-Qala, pero hu jghix Malta. Qal li meta jkun Ghawdex imur jittawwal f’dan il-flat biex jara jekk kollox ikunx sew. Stqarr li hu bhala professjoni, inginier. Qal li darba fost l-ohrajn, waqt li kien hdejn l-meter tal-fond in kwistjoni, nnota xi *wires* tad-dawl hergin mill-*main switch* tieghu ghal xi flats ohra fl-istess blokk t’appartamenti u ghalhekk dehrlu li setgha kien hemm xi tbaghbis fih u cempel l-Enemalta fejn tkellem ma l-inginier Josephine Vella. Qal li din qaltlu sabiex icempel l-ghassa biex jirrapporta u hekk ghamel w infethet inkjesta Magisterjali. Qal li hu kien xehed quddiem l-espert tekniku Dottor Kevin Monpalao.

Meta giet moqrija x-xhieda li kien ta fl-inkjesta nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Novembru 2000, ix-xhud ikkonfermha fl-intier taghha pero stqarr li sussegwentement, l-imputat li

gharaf presenti fl-awla, kien tah s-somma ta' mitejn lira maltin bhala kumpens ghal uzu tad-dawl li kien ghamel mill-meter tieghu. Zied jghid li hu ma kellu ebda pretenzjoni ohra fil-konfront tal-imputat peress li kienu qablu bejniethom dwar s-somma li kien tah.

Kompla jghid li dan il-flat hu xtrah fis-sena 1996 minghand wiehed ta' nazzjonalita Ingliza, li dak z-zmien kien imsiefer. Qal li ma dan l-ingliz, fuq il-kwistjoni tad-dawl ma tkellimx w ghalkemm zied jghid li kien jaf li dan l-ingliz seta' kellu xi arrangament mal-imputat odjern, lilu qatt ma qallu t'tip t'arrangament kellu mal-imputat. Qal li l-flat in kwistjoni kien inbena minn Ta Frenc u kien ghad hemm r-*right of first refusal* fil-konfront taghha w ghalhekk meta jinbiegh xi flat huma jkunu nvoluti. Zied jghid li meta avvicina r-residenti li huma ta' nazzjonalita barranija, li kienu qed jiehdu d-dawl minn fuq il-meter tieghu, dawn qalulu li kienu gew moghtija permess mill-imputat. Qal li sa fejn jaf hu, l-imputat m'ghandux flat fil-blokk t'appartementi in kwistjoni.

Illi nhar t-tnax ta' Jannar 2006 **xehdet l-inginier Josephine Vella** [fol 81] fejn qalet li hi inginier mal-Korporazzjoni Enemalta. Qalet li tiftakar li darba fost l-ohrajn kienet giet mghajjta mill-pulizija peress li kien hemm persuna, certu Carmel Cuschieri, li kien qed jinsteraqlu d-dawl. Ziedet tghid li hi marret fuq il-post biex tara jekk kienx qed jinsteraq minn naha tal-korporazzjoni u effettivament irrizultalha li dan kien minnu. Qalet li meta marret, sabet li mill-kaxxa ta' Carmelo Cuschieri, kien hemm *connection* illegali li kienet qed taghti dawl lil *common parts* tal-blokk t'appartamenti.

Illi nhar s-sebgha ta' Marzu 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 83a] fejn qal li l-proprjeta in kwistjoni u cioe l-blokk t'appartementi maghrufa bhala Santa Marija Court sitwata fi Triq Santa Marija, l-Qala, tappartjeni lis-socjeta Gozo Consolidated Buildings Contractors Limited, ta' liema kumpanija hu kien direttur. Esibixxa kopja tal-kuntratt tal-akkwist tal-art fejn inbena dan il-blokk t'appartamenti li gie mmarkat bhala dokument Z [fol 84]. Qal li wara li din il-proprjeta giet mixtrija, gew

kostruwita fuqha zewg blokki t'appartamenti u kull blokk kellu sitt flats u meta jinbiegh flat, huma kienu jdahhlu meter separat ghal dak l-flat.

Qal li ghalhekk, originarjament, fil-bidu, fl-istadju ta' kostruzzjoni, l-flats kollha kellhom meter wiehed biss u maz-zmien, ma kull biegh ta' flat, iddahhal meter separat ghalih. Zied jghid li meta gew biex ibieghu l-ahhar zewg flats, ma setghux igibu l-*go ahead* mill-*Planning Authority*, il-*complaince certificate* ghal blokk shih u b'hekk ma setghux jottjenu meter separat w ghalhekk z-zewg meters li kien ghad fadal qabbduhom mal-meter li kien diga nstallat fil-blokk. Zied jghid li l-flat li dwaru xehed Carmel Cuschieri, huma kienu originarjament bieghuh lil certu Booth, b'kuntratt datata disgha w ghxorin ta' Gunju 1991. Qal li l-meter ta'dan kien imwahhal ma zewg appartamenti ohra u ma dak tal-*common parts*. Qal li z-zewg appartamenti l-ohra, ma kienux ta' Booth pero ma kienux jintuzaw. Qal li qabel is-sena 1991, iddecidew li l-meter in kwistjoni kellu jissuplixxi dak ta' Booth, zewg appartamenti ohra u l-*common parts* u Booth kien jaf b'dan. Qal li hu kien responsabbli ghax-xogholijiet li kienu jsiru fil-blokk t'appartamenti.

Mistoqsi min ghamel x-xogholijiet in kwistjoni dwar t-twahhil ta' dan il-meter li jkopri aktar minn appartament wiehed, ix-xhud wiegeb li dan sar minn *technician* fuq struzzjonijiet tieghu. Zied jghid li bhala fatt l-flat in kwistjoni f'dan l-blokk kien inbiegh fis-sena 1996. Spjega li l-*common parts per se* ghadhom taghhom pero l-*administration costs* taghhom jithallsu mill-*co-owners* tal-blokk. Qal li hu ma kienx involut fil-bejgh li sar bejn Booth u Carmel Cuschieri, liema bejgh sar f'Ottubru 1996. Qal li sussegwentement kien Carmel Cuschieri li nduna bil-*connection* illegali li kien hemm u mar jaghmel arpport l-ghassa u huwa kien wasal fi ftehim civili ma Carmel Cuschieri fis-sens li hallsu tal-konsum tad-dawl li huwa uza minn meta xtara l-flat sakemm inqala l-kaz. Qal li lil Carmel Cuschieri kienu qallu wkoll li kollox kien sar bi ftehim mas-sid precedenti. Qal li originarjament Carmel Cuschieri kien talab hafna aktar flus mill-ammont li kien douvt lill-Korporazzjoni Enemalta.

Iil-Qorti ezamintat bir-reqqa kollha n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-imputat presentata fl-atti nhar l-erbgha ta’ April 2006. Id-difiza qed issostni li l-imputat m’ghandux jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan ghaliex fl-ewwel lok l-imputat jew is-socjeta li hu direttur taghha ma hadux xi gwadann jew kurrent elettriku minghand l-kwerelanti ghaliex hu kien fil-fatt gabar il-flus pretizi mill-kwerelant Carmel Cuschieri rappresentanti l-valur tas-serq li sar ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta minghand s-sidien tal-flats l-ohra u tahomlu w ghalhekk l-element materjali fil-fehma tad-difiza, ma jirrizultax.

In oltre, d-difiza sostniet li l-aggravju tal-ammont u tal-mezz ma gewx ppruvati u li bla pregudizzju ghal mertu, l-akkuza tinsab preskritta ai termini tal-artikolu 688(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi din in-nota giet notifikata lil Kummissarju tal-Pulizija li ghogbu ma jippresenta ebda risposta ghal istess.

Ikkunsidrat:

Illi jekk wiehed jara l-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali isib li l-ligi trid, li fil-kaz ta' ksur ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-meters taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi meter, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew immarkar fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova, li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-kawzi jew mezzi qarrieqa, **jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku**. Hu evidenti li dan is-sub artikolu johloq presunzjoni ta' dak, ***juris tantum*** li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju.

Ma dan, pero din il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tispostax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputat fuqu. L-oneru jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha favuriha l-

presunzjoni msemmija li pero tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni.

Propjament ghalhekk filwaqt li jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova sal-grad rikjest minnha skond l-ligi, cioe minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, l-ksur jew l-mezzi qarrieqa skond il-kaz u wkoll li l-imputat ikun d-detentur jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond, minn hawn 'l quddiem l-oneru jinverti fuq l-imputat li allura jkollu jipprova hu li ma kienx jaf jew bil-ksur jew bl-ezistenza tal-mezzi qarrieqa u dan imqar sal-grad ta' probabbilita skond r-regoli stabbiliti.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlettax ta' Mejju, 1976 per Imhallef Caruana Curran*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Grima** insibu proprju dak li jikkostitwixxi l-asportazzjoni ta’ Energija.  Dik il-Qorti rriteniet li:

*“… car li l-asportazzjoni tal-kurrent elettriku li hi asportazzjoni ta’ tip specjali u sui generis, trattandosi mhux kamp fiziku imma ta’ energija issir mhux bil-komunikazzjoni llegali, li ghal bzonn tista tkun saret minn haddiehor qabel, imma bl-uzu attwali tal-apparat konsumatur li l-elettriku fil-konsapevolezza li l-kalkulatur mhux qed jimmarka jew mhux qed jimmarka sew, minhabba interuzzjoni.  Infatti wiehed jista jipotizza l-ksur ta’ sigilli minghajr ma wara isir serq, jekk wara hadd ma jixghel.  Fil-kuntest, min jixghel l-appart konsumattiv wara li jkun sar tbaghbis mal-meter u meta jkun jaf b’dan, ma jigix qed jisraq inqas milli kieku kien hu stess li nterrompa r-registrazzjoni.”*

Jinghad wkoll fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta’ Lulju 1990*** fl-**ismijiet Il-Pulizija v Raymond Abela** li:

*“La l-presunzjoni hija daqshekk feroci, il-Qorti tifhem li biex tipplikaha, l-mezzi qarrieqa iridu jirrizultaw konklussivament, u mhux semplicement b'mod li joholqu suspett… dan jimplika li mezzi qarrieqa iridu jkunu jistghu*

*jwasslu ghal dak l-effett li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel l-kejl jew il-markar."*

Issa f'dan il-kaz jirrizulta bic-car ghaliex dan stqarru l-imputat stess illi kien hu li ta struzzjonijiet lil *electrician* sabiex isir dan t-tbaghbis fil-meter ta' Carmel Cuschieri sbiex b'hekk, bil-*connection* li saret fil-meter ta' Carmel Cuschieri, sar possibbli li l-*common parts* tal-blokk t'appartamenti u l-flat numru hmistax kien qed ikollhom elettriku minghajr ma kien qed jigi registrat fuq meter taghhom ghaliex ma kellhomx. Ghalhekk l-konsum tal-elettriku fil-*common parts* u fil-flat numru hmistax kien qed jigi resgistrat fuq l-meter ta' Carmel Cuschieri *ad insaputa* tieghu. Huwa veru li l-imputat ma kienx qed jaghmel gwadann monetarju minn dan kollu izda minhabba f'hekk, irnexxilu ibiegh l-flat numru hmistax u jipprovdi servizz lil *common parts* li kienu ghadhom proprjeta tieghu.

Illi ghalhekk, jirrizultaw kemm l-atti materjali kif wkoll l-intenzjoni tal-imputat li jisraq l-elettriku.

Dwar l-aggravji ma hemmx dubbju li dak tal-mezz jirrizulta ppruvat b'mod sodisfacenti ghaliex minn ezami tar-rapport tal-espert nominat fl-inkjesta, li ma gie kontestat minn hadd, lanqas mill-imputat stess, jirrizulta li l-imputat b'mezzi qarrieqa kellu l-uzu/konsum illegali ta'dan il-kurrent elettriku billi ha hsieb li isiru *connections* illegali fil-meter proprjeta ta' Carmel Cuschieri u dan billi nkiser is-sigill li tohrog il-Korporazzjoni Enemalta.

Dwar il-valur, din tirrizulta wkoll ghaliex l-imputat gie akkuzat li seraq dan il-kurrent elettriku ghal zmien qabel Lulju 2000 u l-imputat wasal fi ftehim u ghadda lil Carmel Cuschieri s-somma ta' mitejn lira rappresentanti l-uzu tal-elettriku mis-sena 1996 sas-sena 2000 u b'hekk l-imputat stess ammetta li l-valur tas-serq kien jeccedi l-mitt lira maltin w ghalhekk ma hemmx dubbju li dan l-aggravju jirrizulta wkoll.

Illi dwar l-eccezzjoni tad-difiza tal-preskrizzjoni, il-Qorti tinnota li l-akkuza odjerna taqa preskritta bl-gheluq ta' hames snin ai termini tal-artikolu 688(d) <u>u mhux</u> bl-gheluq

tas-sentejn kif issuggerit mid-difiza bl-gheluq ta' sentejn ai termini tal-artikolu 688(f), u dan ghaliex f'kaz ta'htija, r-reat fuq serq aggravat bil-mezz u bil-valur skond l-artikolu 278(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jista jehel piena karcerarja sa tlett snin.
Jirrizulta li c-citazzjoni harget fis-sebgha w ghoxrin ta' Ottubru 2004, waqt li l-imputat deher quddiem il-Qorti l-ewwel darba nhar l-hdax ta' Jannar 2005, u f'dik l-istess seduta l-ufficjal prosekutur halef l-akkuza fil-konfornt tal-imputat. Hawn japplika l-artikolu 691(1) tal-Kap 9 li jghid li f'kaz ta'reati kontinwati, bhal ma huwa dan il-kaz in dezamina, il-perjodu ta' preskrizzjoni jibda jghodd mill-jum li fih ikun sar l-ahhar ksur tal-ligi. Fil-kaz odjern, l-ahhar allegat ksur tal-ligi kien fid-dsatax ta' Lulju 2000, u l-jum li fih saret l-ispezzjoni mill-inginier Josephine Vella fil-blokk t'appartamenti in kwistjoni, u hemm sabu l-konnessjoni llegali kif fuq deskritta. Ghalhekk, ai fini tal-perjodu preskrittiv, hija din d-data li hija ta'rilevanza w ghalhekk l-azzjoni kriminali kontra l-imputat, ittiehdet qabel l-gheluq tal-hamsa snin minn din d-data. [vide **Il-Pulizija v Emanuel sive Lino Cassar** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 1998]***

Ai fini ta' piena il-Qorti qiset il-fatt li l-imputat ghamel tajjeb ghal hsarat kagjonati minnu u cioe ghadda s-somma ta' mitejn lira lil Carmel Cuschieri li minn naha tieghu ddikjara li ma kellux aktar pretenzjonijiet fil-konfront tal-imputat. Illi ma jirrizultax li l-Korporazzjoni Enemalta fil-fatt hija kreditrici tal-imputat ghaliex l-ammont pretiz mill-Korporazzjoni thallas minn Carmel Cuschieri.

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 264(2), 278(1) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li issib lill-imputat ANGELO sive LINO CEFAI hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu, u tiddecidi billi tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn [2] mill-lum ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-periti nominati fl-inkjesta**

**ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti rat illi kien gie nominat Dottor Kevin Monpalao bhala espert tekniku fl-inkjesta w ghaldaqstant tordna lil imputat ihallas lid-Direttur tal-Qorti s-somma ta' mija u sebgha liri u hamsin centezmu [LM107.50] fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat.**
**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------